MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 1464/1999/1

Avviz Nru:-1464/99DM

Allied Insurance Services Limited bhala agenta ghas-socjeta estera assigurattrici, Assicurazioni Generali S.p.A u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Edward Cilia

Vs

Loredana Ellul

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas dik is-somma ta' sitt mitt Lira Maltin proprjeta ta' l-assigurat Edward Cilia in konsegwenza tal-kollizjoni li grat fit-2 ta' Awissu, 1998 f'Luqa Road, Paola bejn il-vettura DAI 706 mill-konvenuta misjuqa u l-vettura BBA 424 proprjeta' ta' l-assigurat li

ghalihom kellha taghmel tajjeb is-socjeta assigurattrici attrici skond il-polza u l-Ligi.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas- subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Loredana Ellul fejn eccepiet  illi:

1 It-talba tas-socjeta atttrici noe ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-ecceipjenti izda gara unikament htija ta' Edward Cilia, assikurat tal-istess socjeta attrici noe;
2 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Il-habta in kwistjoni bejn il-vettura misjuqa minn Edward Cilia u l-vettura misjuqa minn Loredana Ellul, il-konvenuta, grat fl-inkrocju iffurmat bejn it-triq principali, Luqa Road u t-triq sekondarja Burial Street, f' Rahal Gdid.

Ghalhekk kien jispetta definittivament lis-sewwieq Edward Cilia sabiex jaghti id-dritta lill-konvenuta illi dak il-hin kienet qed taghmel uzu minn Luqa Road, li hija t-triq principali, kif anke jikkoncedi l-istess Edward Cilia fid-deposizzjoni tieghu.

Ghalhekk Edward Cilia biex jiskolpa ruhu allega  illi huwa ha l-prekawzjonijiet kollha qabel ma hareg minn go Burial Street ghal go Luqa Road u infatti xehed illi hareg bil-mod go Luqa Road sabiex ikun jsta' jesplora t-triq, ra li ma kinux gejjin vetturi, la minn fuq in-naha tax-xellug u la minn fuq in-naha tal-lemin tieghu, u waqt illi kien hekk wieqaf qed jesplora t-triq, dahlet fuqhu l-konvenuta li

kienet gejja f’Luqa Road minn fuq in-naha tax-xellug tieghu.

Min-naha l-ohra l-konvenuta sosstni illi waqt li hija kienet qed tipprocedi go triq principali Luqa Road u kienet ghada kif issorpassat vettura li kienet ipparkeggjata fuq ix-xellug taghha, u qed tavvicina l-inkrocju ma Burial Street, hareg Edward Cilia bil-vettura tieghu, baqa’ hiereg sa nofs it-triq u ghalkemm assumiet illi dan kien seta’ jibqa hiereg, u forsi kien jigi evitat l-iskontru, dan waqaf f’daqqa, imblokkalha l-karreggjata u ma kelliex minn fejn tevitah.

Minn dawn iz-zewg verzjonijiet il-Qorti ma tista’ ssib xejn illi huwa rregolari fis-sewwqan u fil-manuvra tal-konvenuta li effettivament kienet isuq il-vettura taghha fi triq principali, b’velocita moderata ghal dak il-lokal, kienet qiedgha taqbez vettura pparkeggjata, kif kull sewwieq iehor ghandhu d-dritt li jghamel meta ma kunx gej traffiku iehor mid-direzzjoni opposta, u kellha tistenna illi ma johrog ebda traffiku minn toroq laterali ghal go triq principali li setgha jostakolalha l-karreggjata.

Min-naha ta’ Edward Cilia pero jirrizultaw diversi nuqqasijiet u senjatament dak in-nuqqas illi jirrizulta mill-fatt illi nonostante illi huwa kien konxju li t-triq principali hija wkoll pjuttost triq dejqa, minflok hareg kemm kemm jiccaqlaq biex jista’ jesplora t-triq minghajr ma jostakola xi traffiku li qed juza t-triq principali, huwa sahansitra hareg sa kwazi nofs it-triq principali, tant illi espona l-genb kollu tieghu tan-naha tax-xellug u ghalhekk hareg ghal distanza wisq iktar minn dik li kienet rikjesta sabiex huwa jesplora t-triq principali.

Inoltre anke l-esplorazzjoni li ghamel Edward Cilia, (jekk ghamel) tat-triq principali, ma kienetx esplorazzjoni maghmula b’mod diligenti peress illi huwa jistqarr illi nonostante illi kien digia esplora ghat-traffiku fuq ix-xellug tieghu, huwa ma kien ra ebda vettura u dan nonostante illi Luqa Road fuq in-naha tax-xellug tieghu toffri vizwali fit-tul.

Evidentement, billi l-vettura tal-konvenuta effettivament kienet hemm u ma kinitx daqstant boghod meta zbokka Edward Cilia, stante l-hsarat limitati u n-nuqqas tas-sinjal ta' brakes, jirrizulta illi huwa effettivament ma kienx induna bil-prezenza tal-konvenuta fit-triq principali meta din kienet qiedgha hemm.

Minn dawn l-indizji jirrizulta illi huwa hafna iktar probabbli illi Edward Cilia minflok waqaf qabel ma zbokka ghal go Luqa Road imbaghad ipproceda bil-mod il-mod sakemm accerta ruhhu li mhux ser jostakola lill hadd, huwa baqa' hiereg ghal go Luqa Road, injora kull prezenza tat-traffiku li setghet kienet gejja minn fuq ix-xellug tieghu izda xi ftit spostata lejn ix-xellug taghha u b'hekk waqaf meta effettivament sab lill-konvenuta fuqu u nduna illi din ma kellhix min fejn tghaddi.

Ghaldaqstant issib illi huwa Edward Cilia esklussivament responsabbli ghall- kollizzjoni in kwistjoni, u ghaldaqstant, filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta tichad it-talbiet attrici;

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------